2025/921

21.5.2025

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/921

tad-19 ta' Mejju 2025

li tistabbilixxi l-kumitat ta' tmexxija għan-Notifika ta' Dokumenti

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2020/1784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 25(1)(e) tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (UE) 2020/1784, il-komunikazzjonijiet u l-iskambji kollha ta' dokumenti bejn l-aġenziji u l-korpi maħtura mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament għandhom, bħala regola, jitwettqu permezz ta' sistema tal-IT deċentralizzata sigura u affidabbli li tinkludi sistemi tal-IT nazzjonali li huma interkonnessi u teknikament interoperabbli, pereżempju, u mingħajr preġudizzju għal aktar progress teknoloġiku, abbażi ta' e-CODEX. Dik is-sistema tal-IT deċentralizzata tiġi implimentata fi ħdan sistema tal-IT deċentralizzata akbar ibbażata fuq l-e-CODEX imsejħa s-sistema tal-Iskambju dwar il-Ġustizzja Elettronika (JUstice Digital EXchange system, JUDEX), li tirrikjedi skambju effettiv ta' informazzjoni dwar l-iżviluppi orizzontali.

(2) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-miżuri u rekwiżiti oħra għall-implimentazzjoni ta' dik is-sistema tal-IT deċentralizzata ġew stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/423 ([2]).

(3) Is-sistema tal-IT deċentralizzata se ssir operazzjonali fl-1 ta' Mejju 2025.

(4) Ir-Regolament (UE) 2020/1784 jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kumitat ta' tmexxija li jinkludi rappreżentanti tal-Istati Membri biex jiżgura t-tħaddim u l-manutenzjoni tas-sistema tal-IT deċentralizzata sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament.

(5) Ir-rwoli u l-kompiti tal-kumitati ta' tmexxija skont ir-Regolament (UE) 2020/1783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u r-Regolament (UE) 2020/1784 rispettivament huma simili, u dan jagħmilha espedjenti u kosteffettiv li jsiru laqgħat konġunti tal-kumitati ta' tmexxija skont iż-żewġ Regolamenti.

(6) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar divulgazzjoni ta' informazzjoni minn membri tal-kumitat ta' tmexxija u l-osservaturi.

(7) Id-data personali jenħtieġ li tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar is-servizz tal-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali,

([1]) ĠU L 405, 2.12.2020, p. 40, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/1784/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/423 tal-14 ta' Marzu 2022 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-miżuri u rekwiżiti oħrajn għall-implimentazzjoni tas-sistema tal-IT deċentralizzata msemmija fir-Regolament (UE) 2020/1784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 87, 15.3.2022, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/423/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2020/1783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni tax-xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (kumpilazzjoni tax-xhieda) (ĠU L 405, 2.12.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/1783/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Stabbiliment tal-kumitat ta' tmexxija

Il-kumitat ta' tmexxija skont it-tifsira tal-Artikolu 25(1)(e) tar-Regolament (UE) 2020/1784, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-kumitat", huwa b'dan stabbilit.

Artikolu 2

Kompiti

F'konformità mal-Artikolu 25(1)(e) tar-Regolament (UE) 2020/1784, il-kompitu tal-kumitat huwa li jiżgura t-tħaddim u l-manutenzjoni tas-sistema tal-IT deċentralizzata sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament. B'mod partikolari, dan għandu:

(a) jikkollabora mal-Kummissjoni/jagħti pariri lill-Kummissjoni fir-rigward tal-operat u l-manutenzjoni tas-servizz ta' dokumenti tas-sistema tal-IT deċentralizzata skont ir-Regolament (UE) 2020/1784.

(b) iwettaq skambju ta' esperjenza u prattika tajba bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-qasam tan-notifika ta' dokumenti f'materji ċivili u kummerċjali fir-rigward tal-operat u l-manutenzjoni tas-sistema tal-IT deċentralizzata tan-notifika ta' dokumenti.

(c) jiddiskuti kwistjonijiet tekniċi, riskji u sfidi, inkluż il-prijoritajiet ta' implimentazzjoni, fid-dawl tal-iżvilupp kontinwu u l-manutenzjoni tan-notifika ta' dokumenti tas-sistema tal-IT deċentralizzata u l-komponenti tagħha.

Artikolu 3

Sħubija

1. Il-membri tal-kumitat għandhom ikunu l-awtoritajiet tal-Istati Membri kompetenti fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali fil-qasam tan-notifika ta' dokumenti f'materji ċivili u kummerċjali għall-użu tas-sistema tal-IT deċentralizzata.

2. L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jinnominaw ir-rappreżentanti tagħhom u għandhom jiżguraw li jipprovdu livell għoli ta' għarfien espert.

Artikolu 4

Il-President

Il-president tal-kumitat għandu jkun rappreżentant tal-Kummissjoni.

Artikolu 5

Operat

1. Fil-prinċipju, il-laqgħat tal-kumitat għandhom isiru f'bini tal-Kummissjoni jew virtwalment, skont iċ-ċirkostanzi.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi servizzi segretarjali lill-kumitat. Uffiċjali minn dipartimenti oħra tal-Kummissjoni b'interess fil-proċedimenti jistgħu jattendu l-laqgħat tal-kumitat u tas-sottokumitati tiegħu.

3. Il-Kumitat jista', b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu, jiddeċiedi li d-deliberazzjonijiet għandhom ikunu pubbliċi.

4. Il-minuti dwar id-diskussjoni ta' kull punt fuq l-aġenda u dwar l-opinjonijiet mogħtija mill-kumitat għandhom ikunu siewja u sħaħ.

Artikolu 6

Sottokumitati

Il-kumitat jista' jistabbilixxi sottokumitati biex jeżaminaw kwistjonijiet speċifiċi abbażi ta' termini ta' referenza ddefiniti mill-kumitat. Is-sottokumitati għandhom jirrapportaw lill-kumitati. Dawn għandhom jiġu xolti hekk kif jintemm il-mandat tagħhom.

Artikolu 7

Osservaturi

1. Organizzazzjonijiet u entitajiet pubbliċi oħrajn apparti l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jingħataw status ta' osservatur bi stedina diretta.

2. L-organizzazzjonijiet u l-entitajiet pubbliċi maħtura bħala osservaturi għandhom jinnominaw ir-rappreżentanti tagħhom.

3. L-osservaturi u r-rappreżentanti tagħhom jistgħu jkunu awtorizzati mill-President biex jieħdu sehem fid-diskussjonijiet tal-kumitat u tas-sottokumitati tiegħu u jipprovdu għarfien espert. Madankollu, ma għandhomx ikollhom id-dritt tal-vot u ma għandhomx jipparteċipaw fit-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet jew pariri tal-kumitat u tas-sottokumitati tiegħu.

Artikolu 8

Regoli ta' proċedura

Il-kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu b'maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu. Is-sottokumitati għandhom joperaw f'konformità mar-regoli ta' proċedura tal-kumitat.

Artikolu 9

Segretezza professjonali u trattament ta' informazzjoni klassifikata

Il-membri tal-kumitat u r-rappreżentanti tagħhom, kif ukoll l-osservaturi, huma soġġetti għall-obbligu tas-segretezza professjonali, stabbilit fit-Trattati u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll mar-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà fir-rigward tal-protezzjoni tal-informazzjoni kklassifikata tal-UE, stabbiliti fid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 ([5]) u 2015/444 ([6]). Jekk jonqsu milli jħarsu dawn l-obbligi, il-Kummissjoni tista' tieħu l-miżuri xierqa kollha.

Artikolu 10

Trasparenza

Id-dokumenti rilevanti kollha, inklużi l-aġendi, il-minuti u l-osservazzjonijiet tal-parteċipanti, għandhom ikunu disponibbli fuq is-sit web iddedikat. B'mod partikolari, l-aġenda u dokumenti oħra ta' sfond rilevanti għandhom jiġu ppubblikati fi żmien xieraq qabel il-laqgħa, segwiti mill-pubblikazzjoni f'waqtu tal-minuti. L-eċċezzjonijiet għall-pubblikazzjoni għandhom ikunu possibbli biss meta d-divulgazzjoni ta' xi dokument tkun idgħajjef il-protezzjoni ta' interess pubbliku jew privat kif imfisser fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament u tal-Kunsill ([7]).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2015/443/oj).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dec/2015/444/oj).

([7]) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2001/1049/oj).

Artikolu 11

Spejjeż tal-laqgħat

1. Il-parteċipanti fl-attivitajiet tal-kumitat u tas-sottokumitati ma għandhomx jitħallsu għal dawk l-attivitajiet.

2. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza mġarrba mill-parteċipanti fl-attivitajiet tal-kumitat u tas-sottokumitati għandhom jiġu rimborżati mill-Kummissjoni. Ir-rimborż għandu jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-Kummissjoni u fil-limiti tal-approprjazzjonijiet disponibbli allokati lid-dipartimenti tal-Kummissjoni skont il-proċedura annwali għall-allokazzjoni tar-riżorsi.

Artikolu 12

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Mejju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN